MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 473/2013

**AIC Hector Zammit**
**ID 370966M**

**Vs**

**Anthony Camilleri ID.380433M u b'digriet ta' dan it-Tribunal tat-23 ta' Ottubru, 2013 gew kjamati in kawza Edition sive Eddie Sciberras u Rita Giamnetti u b'digriet tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-28 ta' Jannar, 2015 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-frazi "Edition sive Eddie Sciberras" ghandha tigi sostitwita bil-frazi " Editon sive Eddie Sciberras" u l-frazi "Rita Giamnetti" ghandha tigi sostitwita bil-frazi "Rita Giannetti".**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Awwissu, 2013 fejn l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn u sbatax-il ewro u tmenin centezmu (€2,017.80) u li jikkonsistu f'diversi servizzi rezi lill-konvenut, mill-attur, fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu ta'

Perit Arkitett, u dan rigwardanti il-fond ossia porzjon art ta’ hdejn il-Knisja ta’ Santa Marija, Bubaqra z-Zurrieq, kif jinkludi l-anness document immarkat HC1;

Bl-imghaxijiet legali mit-12 ta’ April, 2013 sad-data tal-hlas tas-somma guridikara, kif ukoll;

Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta, kontra l-konvenut nhar id-9 ta’ April, 2013 (Nru 801/2013).

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fil-15 ta’ Ottubru, 2013 fejn eccepixxa illi preliminarjament, jigi rilevat li l-attur gie inkarigat mill-esponenti u minn terza persuna, certu Karmenu Sciberras, illum mejjet;

Illi effettivament, l-art relatata max-xoghol li sar mill-attur hija propjeta in kwant ghal terz ta’ l-esponenti, u in kwantu ghal zewg terzi tad-defenut Karmenu Sciberras;

Illi in vista tal-premess, ghandhom jigu kjamati in kawza l-eredi tad-defunt, u cioe Edition sive Eddie Sciberras u Rita Giannetti;

Illi minghajr preprejudizzju, l-ammont reklamat mill-attur fil-konfront ta’ l-esponenti huwa wiehed eccessiv;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur, bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenut.

Illi fit-23 ta’ Ottubru, 2013 gew kjamati in kawza Eddie Sciberras u Rita Giannetti li pprezentaw risposta fil-15 ta’ Novembru, 2013 fejn ecceppew illi fl-ewwel lok fil-konfront tal-eccepjenti l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149© tal-Kodici Civili.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in kwantu tirreferi ghall-eccepjenti kjamati fil-kawza, it-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

L-eccepjenti ma ghandhom ebda relazzjoni mal-attur in kwistjoni mertu ta’ din il-kawza. Il-perit Hector Zammit ma kienx inkarigat mill-eccipjenti jew minn missierhom, izda gie inkarigat mill-konvenut Anthony Camilleri esklussivament fl-interess u ghall-beneficju wahdieni tieghu.

Xehed l-attur bil-gurament li xehed li kien inkarigat minn Anthony Camilleri sabiex issir rapport dwar ishma li kellu minn bicca art flimkien ma siedien ohra. Dan peress illi kien hemm disgwid bejn is-sidien. L-attur jghid illi kien hemm diskrepanzi anki fuq il-kuntratti gia ezistenti u dan fil-kejl u fil-qisien. Jghid illi kienu saru laqghat u survey u sussegwentament sar ir-rapport. L-attur

jghid illa ma Karmenu Sciberras, sid iehor iltaqa’ darbtejn darba gabu mieghu l-konvenut u darba ohra l-perit mar fuq il-post u dan Karmenu inzerta resaq lejhom. Pero zgur illi ma tah ebda nkarigu. Meta l-partijiet waslu ghal hlas il-konvenut Anthony Camilleri ma riedx ihallas peress illi qal illi l-art kienet bin-nieqes ghax insterqitlu minnha u dan il-perit ma nizzilx dan allura mhux ser ihallsu.

Xehed il-konvenut Anthony Camilleri li spjega li kien mar wahdu ghand in-nutar pero nfurmah illi ma kienx sid wahdu tal-art. It-tieni darba kien ha lil Karmenu mieghu . meta l-konvenut kien ra s-surveys ra li ma kienx sar xoghol sew u mar ikellem lis-surveyor. Pero dan kien baghtu ghand il-perit. Il-konvenut jghid illi l-kwistjoni kienet ma Karmenu Sciberras stess peress illi l-konvenut Anthony Camilleri kellu terz mill-art u Karmenu Sciberras kellu zewg terzi.

Xehed Joseph Camilleri iben il-konvenut li kkompita elenku ta’ x’gara pero jghid illi qaghad fuq dak li qallu missieru peress illi fl-ewwel laqgha ma kienx prezenti. Jghid u jispjega illi x-xoghol tal-perit ma sarx sew.

It-Tribunal semgha ukoll lil Perit Anton Zammit li huwa l-Perit tal-kjamati in kawza.

It-Tribunal iqis illi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas peress illi huwa ma kienx sid uniku tal-art u lil perit Hector Zammit ma’ kkonsultahx wahdu. Dwar din l-eccezzjoni hareg car kemm mix-xhieda tal-attur kif ukoll mill-fatt illi l-kjamati in kawza li huma ulied Karmenu Sciberras li ghandu zewg terzi tal-art, kellhom perit ghalihom. Fl-opinjoni tat-Tribunal mhux verosimili illi Anthony Camilleri jhallas l-kwistonijiet ma Karmenu Sciberras u jmorru flimkien ghand perit wiehed. Huwa aktar credibbli illi l-konvenut qabbad lil attur jahdimlu rapport. Infurmah illi hu mhux sid uniku u malli ma ghogbux ir-rapport prova jaqsam il-kont ma Karmenu Sciberras u pprova jhallas biss terz tal-kont. Dan ma jistax jigi negat jew konfermat minn Karmenu Sciberras peress illi llum gie nieqes.

Minkejja l-provi li gab il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu qal li ma jridx ihallas minhabba li x-xoghol sar hazin. Din lanqas biss kienet eccezzjoni mressqa fir-risposta tal-konvenut meta ‘rrisponda ghall-kawza.

Fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza jidher car kemm mix-xhieda tal-perit taghhom kif ukoll tal-attur stess illi dawn ma nkarigawx lill-attur u lanqas jidher li nkarigah missierhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Camilleri u jikkundanah ihallas is-somma ta’ elfejn u sbatax-il ewro u tmenin centezmu (€2,017.80) lill-attur. Filwaqt illi jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza u jilliberahom.

L-ammont ghandu jithallas lill-attur bl-imghax legali mid-9 ta' April, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz tal-ittra ufficjali nurmu 801/2013 ghandhom jithallsu mill-konvenut Anthony Camilleri.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------